FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR

GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D.
SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS, 19 TA' DICEMBRU, 1996

Avviz Nru.526/96

Randolph Camilleri Surveys Limited

vs

Penza Construction Limited

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Novembru, 1996, fejn intalab il-hlas ta' disghin Lira Maltija u hamsa u tmenin centezmu, (Lm90.85), rapprezentanti drittijiet professjonali dovuti ghal servizz ta' Land Surveying provdut lis-socjeta' konvenuta fuq ordni taghha stess. Nonostante li gie interpellat sabiex thallas anke permezz ta' ittra ufficjali datata 16 ta' Lulju, 1996, baqghet inadempjenti;

Intalbu ukoll l-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali, u l-imghax legali minn Jannar 1996 sal-pagament effettiv;

Ghal finijiet ta' kompetenza, jinghad illi l-imghax legali ma jeccedix id-disgha Liri Maltin (Lm9).

Ra li s-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata, u li ma gietx prezentata risposta fir-rigward u lanqas ma deher rapprezentant taghha;

Semgha lil Randolph Camilleri, Direttur tas-socjeta' attrici li kkonferma l-istatements ezebiti u li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u tad-dokumenti ezebiti;

Peress li jirrizulta li l-ammont ta' disghin Lira Maltija u hamsa u tmenin centezmu, (LM90.85), ghadu dovut, jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici, u jikkundanna lill-konvenuti ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' disghin Lira Maltija u hamsa u tmenin centezmu, (Lm90.85), bl-imghax legali muit-30 ta' Jannar, 1996, sal-pagament effettiv, u bl-ispejjez tal-ittra ufficjali tas-16 ta' Lulju, 1996.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

Dr. Joseph Refalo LL.D.
Gudikatur.

Vera kopja fotostatika
Dep. Reg.